12 ta' Ġunju, 1953

Imħallfin :—

Is-S.T.O. Dr. L.A. Camilleri, LL.D., *President;*
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.;
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Francesco Attard *versus* Andrea Brincat et.**

**Novazzjoni — "Animus Novandi" — "Adpromissio" — Espromissjoni — Art. 1223 (2) tal-Kodiċi Civili.**

*B'liġi, l-"animus novandi" ma għandux jiġi preżunt. Iżda langas hemm bżonn li jkun espress, u huwa biżżejjed li jirriżulta bjarament.*

*Jekk ma' l-obligazzjoni prinċipali tiżdied biss obligazzjoni ta' ħadd ieħor, ikun hemm l-"adpromissio"; jekk bl-obligazzjoni l-ġdida jsir kambjament tad-debitur, allura jkun hemm l-"expromissio".*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biha l-attur talab li, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, il-konvenuti jiġu kundannati jħallsu lilu s-somma ta' £165. 1. 0, bħala spejjeż magħmula minnu f'xiri ta' travi, żebgħa għall-injam, gradi tal-ħadid, serraturi, u żebgħa għat-travi u għall-ħadid, għal xogħol fil-fond nru. 20 u 21 High Street, Ħal Kirkop, somma li l-konvenuti daħħlu mill-War Damage Commission. Bl-ispejjeż, u bl-imgħaxijiet kummerċjali;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, li rrespinġew it-talba ta' l-attur bħala infondata, billi huma daħħlu biss dak li kellhom jieħdu — biċċa mill-War Damage Commission u biċċa minn għand is-sidien;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti ta' l-14 ta' Ottubru 1952, li biha ċaħdet it-talba, bl-ispejjeż kontra l-attur; billi kkunsidrat;

Illi l-fatti li taw lok għal dina l-kawża, u li dwarhom jaqblu l-kontendenti, huma fil-qosor dawn: Il-konvenuti kellhom l-appalt għar-*rikostruzzoni* tal-fond indikat fl-att taċ-ċitazzjoni, ottenut *minn* għand l-attur, ħutu u ommu, sidien ta' l-istess fond; u dan l-appalt kien jinkludi mhux biss xogħol illi l-ispiża relativa kienet ripetibili mill-Kummissjoni

fuq indikata, imma wkoll xogħol barrani; u l-flus pagabili mill-Kummissjoni kellhom jiġu nkassati mis-sidien, u mbgħad mogħtija lill-konvenuti flimkien mal-kumpens għax-xogħol barrani, skond il-kontijiet li kellu jagħmel il-perit Ugo Mallia, li kellu d-direzzjoni tax-xogħol. Fil-kors ta' l-appalt, l-attur xtara l-oġġetti ndikati fl-att taċ-ċitazzjoni, tal-valur ta' £165. 1. 0 komplessivament, u dawn ġew użati mill-konvenuti fix-xogħol ta' l-appalt. Il-konvenuti tħallsu minn għand is-sidien ta' kull ma kellhom jieħdu għax-xogħol ta' l-appalt, u fil-kont finali ġiet imnaqqsa l-imsemmija somma ta' £165. 1. 0;

*Illi l-attur jippretendi* illi, billi l-imsemmijin spejjeż ammontanti komplessivament għas-somma ta' £165. 1. 0 għamilhom hu, huwa għandu jeħodhom lura minn għand il-konvenuti, avvolja dawn ġa naqqsuhom mill-kont tagħhom. Fi kliem ieħor, irid li l-konvenuti jagħtuħ lura l-ispejjeż, u mbgħad jitolbuhom lis-sidien, fosthom huwa stess, u dan avvolja, *kif xehed il-perit* Mallia (fol. 41), dawk l-ispejjeż inqatgħu mill-kont minflok ma l-konvenuti tawhom lill-attur u reġgħu ħaduhom lura;

Illi l-konvenuti jippretendu li, ġa ladarba dawn l-ispejjeż ġew dedotti mill-bilanċ li kien għadu lilhom dovut mis-sidien, fosthom l-attur, fil-preżenza ta' l-istess attur u bl-approvazzjoni tiegħu, huma ma *għandhomx jagħtuhom* lill-attur biex imbgħad jerġgħu jeħduhom lura;

Illi mill-provi jirriżulta li fil-kontijiet finali bejn il-konvenuti minn naħa waħda, u l-attur u s-sidien l-oħra minn naħa l-oħra, l-ammont fuq imsemmi pretiż mill-attur ġie konteġġjat u dedott mill-kreditu tal-konvenuti; u jirriżulta wkoll soddisfaċentement pruvat u li dawk *il-kontijiet*, u l-konteġġ u d-deduzzjoni ta' dak l-ammont, ġew approvati mill-attur (fol. 39, fol. 41 u fol. 42);

Illi għalhekk l-attur ma għandux raġun jitlob lura s-somma ta' l-imsemmija spejjeż minn għand il-konvenuti, salv id-dritt tiegħu li jdaħħal dawk l-ispejjeż fil-konteġġi li jsiru bejnu u s-sidien l-oħra, ii sburżaw ukoll flus in konnessjoni ma' dana l-appalt;

Rat fol. 78 in-nota ta' l-appell ta' l-attur, u fol. 79 il-

petizzjoni tiegħu, li fiha talab ir-revoka tas-sentenza fuq imsemmija, u li jiġi deċiż skond it-talba; bl-ispejjeż kontra l-*konvenuti*;

*Omissis*;

Ikkunsidrat;

Il-fatti li taw lok għall-kawża huma kif esposti superjorment fis-sentenza appellata;

Il-Qorti hi soddisfatta mill-provi proċesswali illi, għalkemm *fil-bidu* l-intiża kienet illi l-ispejjeż li għamel l-attur, minnu reklamati b'din iċ-ċitazzjoni, kellhom iħallsuhom il-konvenuti appaltaturi meta jitħallsu mill-War Damage Commission, u indipendentement mill-kontijiet ġenerali ta' l-appalt, *in segwitu*, però, l-attur approva l-kontijiet finali magħmula mill-perit Ugo Mallia, li fihom hemm deduzzjoni għaddebitu tal-konvenuti, u favur is-sidien kommittenti ta' l-appalt, fosthom l-attur, tas-somma li l-attur qiegħed jirreklama;

Din id-deduzzjoni approvata mill-attur tikkostitwixxi novazzjoni "mutato debitore", minħabba espromissjoni, li hi waħda mill-manjeri li fihom issir in-novazzjoni soġġettiva;

B'liġi, l-"animus novandi" ma għandux jiġi preżunt; iżda lanqas hemm bżonn li jkun *espress*, u hu biżżejjed li jirriżulta kjarament (art. 1223(2) Kap. 23 Ediz. Riv.). "La novazione", issentenzja t'Tribunal ta' l-Appell ta' Macerata fil-kawża "Bruschetti c. Credito Pop. di S. Severino", b'komment għall-Liġi Taljana f'din il-materja, bħall-Liġi Franċiża, simili għal dik Maltija, "può risultare 're aut verbis', nè occorre al riguardo una volontà espressa ed esplicita". "Secondo l'attuale legislazione", qalet similment il-Kassazzjoni ta' Torino, 20 ta' Diċembru 1912, Costa c. Lupano, "non si richiedono formole sacramentali per manifestare la novazione, ma basta che l'intenzione di farla divenga certa e chiara, tenuto conto e per necessaria conseguenza di determinati atti o fatti delle parti". "Non è necessario", hekk esprimiet ruħha l-Qorti ta' l-Appell ta' Bologna, 7 ta' April 1903, Ghinassi c. Baldassari, 1903, "che la volontà di novare risulti sacramentalmente da questo vocabolo; e purchè apparisca in modo evidente e manifesto dal complesso delle cose, può essere sottintesa ed anche tacita" (Rep. Ugo Conti, art. 1269, paragrafi

21—18—15);

Issa, fil-każ preżenti hu żgur li kien hemm, mhux semplići "adpromissio", imma l-vera "expromissio"; għaliex kien hemm dak il-fatt li, skond il-ġurisprudenza akkreditata in materja, jikkostitwixxi t-"test" bejn l-"adpromissio" (meta tiżdied biss obligazzjoni ta' ħaddieħor) u l-"expromissio" (meta jkun hemm kambjament tad-debitur). Infatti, malli l-attur approva l-kontijiet finali fuq imsemmijin, u b'hekk aċċetta li jħalli s-somma reklamata fil-konteġġi bejnu u s-sidien l-oħra, u li l-konvenuti jitħallsu "pro tanto" anqas minn dak li kellhom jieħdu, huwa kkrea fatt inkompatibili ma' l-obligazzjoni kif kienet qabel; għax ma hux konċiljabili li l-attur ried li jkompli jirreklama din is-somma minn għand il-konvenuti, meta dawn ma ħaduhiex, naqqsuha mill-kont tagħhom, u ħallewha għand is-sidien (fosthom l-attur) fil-kontijiet minnu approvati. "Tanto in diritto romano, quanto sotto le legislazioni moderne, l-"animus novandi" è certo quando vi sia 'aliquid novi' che rende la nuova obbligazione incompatibile colla precedente" (Trib. Palermo, 6 ta' Ġunju 1910, para. 30 loc. ċit.);

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi;

Billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-attur appellant.